PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2010/2273(INI)**

17.2.2011

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (2010/2273(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Traian Ungureanu



Magħquda fid-diversità

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................9

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (2010/2273(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 21, 45 u 47 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 15, 21, 29, 34 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri[2], ir-rapport 2008 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE (COM(2008)0840) u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill ta’ Novembru 2007 u April 2009 dwar id-Direttiva 2004/38/KE,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali[3],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar "Il-mobilità, strument għal aktar impjiegi u impjiegi aħjar: Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Mobilità tal-Impjiegi (2007-2010)" (COM(2007)0773),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-impatt tal-moviment liberu tal-ħaddiema fil-kuntest tat-tkabbir tal-UE (COM(2008)0765),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar ‘Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda L-antiċipazzjoni u t-tlaqqigħ tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa' (COM(2008)0868),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Lulju 2010 ‘Li ttenni l-moviment liberu tal-ħaddiema: drittijiet u żviluppi maġġuri’ (COM(2010)0373),

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropa 2020 u b’mod partikolari l-inizjattivi ewlenin tagħha ‘Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi ġodda’ u ‘Żgħażagħ Attivi’,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Barranin tas-27 ta' Novembru 2008 dwar 'Il-moviment liberu tal-persuni: abbużi u użu ħażin tad-dritt għall-moviment ħieles,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Impjieg, il-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur tad-9 ta’ Marzu 2009 dwar ‘Il-mobilità professjonali u ġeografika tal-ħaddiema u l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea’,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2009 dwar il-problemi u l-prospetti taċ-ċittadinanza Ewropea[1],

[1] ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.
[2] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.
[3] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Mobilità tal-Impjiegi (2007-2010)[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-identifikazzjoni tal-ostakoli li għad hemm għall-mobbiltà fis-suq intern tax-xogħol[3],

– wara li kkunsidra d-dokument ta' segwitu tal-Komunikazzjoni dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorji tal-Istati Membri (COM(2009) 313),

– wara li kkunsidra l-abbozz tar-rapport interim bit-titolu "Studju komparattiv dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri" mitlub mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali tiegħu u ppreżentat mis-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej (ECAS),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0000/2011),

A. billi l-għajxien u x-xogħol fid-diversi Stati Membri huma waħda mil-libertajiet fundamentali tal-Unjoni, komponent bażiku taċ-ċittadinanza tal-Unjoni irrikonoxxut fit-Trattati, iżda l-istatistiċi juru li għad hemm ftit wisq nies li jibbenefikaw minn dan id-dritt minkejja l-inizjattivi speċifiċi meħuda b'appoġġ għall-mobilità tal-ħaddiema,

B. billi bħalissa huma biss 2.3% tal-persuni tal-Ue li jgħixu fi Stat Membru li mhuwiex pajjiżhom, iżda 17% biħsiebhom jaħdmu lil hinn minn pajjiżhom fil-ġejjieni u 48% iqisu l-possibilità li jfittxu impjieg f'pajjiż jew reġjun ieħor f'każ ta' qgħad,

C. billi, skont il-Komunikazzjoni tl-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2008, ħaddiema mobbli minn pajjiżi li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u fl-2007 kellhom impatt pożittiv fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri,

D. billi ma ġew irrappurtati l-ebda effetti negattivi f'dawk l-Istati Membri li ma applikawx il-miżuri tranżitorji rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema li jiġu minn Stati Membri li ngħaqdu mal-Ue fl-2004 u fl-2007, iżda għadd ta' Stati Membri ddeċidew li jibqgħu japplikaw restrizzjonijiet fis-swieq tax-xogħol tagħhom fir-rigward taċ-ċittadini tar-Rumanija u tal-Bulgarija,

E. billi, minkejja l-atti legali u l-programmi tal-UE bl-għan li jiġi promoss il-moviment liberu tal-ħaddiema, hemm ostakoli għall-implimentazzjoni sħiħa ta' dan id-dritt fundamentali (pereżempju, ostakoli soċjali, legali u amministrattivi, politiki ta' ritorn dgħajfa li ma jissodisfawx il-bżonnijiet tal-ħaddiema migranti, nuqqas ta' rikonoxximent tal-esperjenza tal-mobilità, diffikultajiet fir-rigward tal-impjieg tal-konjuġi u s-sieħba u dewmien fil-proċess ta' rikonoxximent tad-diplomi),

F. billi dawn l-ostakoli u restrizzjonijiet jiksru dritt fundamentali tal-ħaddiema, jagħmlu l-irkupru tal-ekonomiji tal-UE iktar diffiċli u jistgħu jwasslu għal effetti kontraproduċenti,

---

[1] P6_TA(2009)0204.
[2] ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 23.
[3] ĠU C 228, 22.9.2009, p. 14.

bħal żieda fix-xogħol illegali, espansjoni fl-ekonomija s-sewda u sfruttament tal-ħaddiema,

1. Jirrimarka li r-rapport tal-Kummissjoni COM(2008)0840 jidentifika ksur persistenti min-naħa ta' Stati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE, li taffettwa l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, u din is-sitwazzjoni wasslet għal bopsta lmenti individwali, petizzjonijiet u '1 fuq minn 40 mistoqsija mill-Parlament, li b'riżultat tagħhom, il-Kummissjoni fetħet ħames proċedimenti ta' ksur għal applikazzjoni inkorretta tad-Direttiva;

2. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2010)0373, li tiddeskrivi u tispjega l-istat attwali fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, iżda jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' miżuri konkreti u ta' soluzzjonijiet;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi ulterjorment l-mobilità tal-impjiegi billi tippreżenta strateġija għall-mobilità fit-tul, komprensiva u multidixxiplinari biex jiġu pprojbiti l-ostakoli kollha legali, amministrattivi u prattiċi eżistenti għall-moviment liberu tal-ħaddiema; jitlob li jkun hemm politika konsistenti, effiċjenti u trasparenti ffokata fuq ir-rekwiżiti ta' suq tax-xogħol u tendenzi ekonomiċi;

*Simplifikazzjoni amministrattiva u aspetti legali*

4. Meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-leġiżlazzjoni eżistenti, ifakkar li l-Istati Membri għandhom ir-responsabilità li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-eżerċizzju tal-moviment liberu bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni ottimali ta' dan id-dritt u li jiġu evitati proċeduri amministrattivi mhux ġustifikati, mhux neċessarji u żejda li jirrestringu l-applikazzjoni ta' dan id-dritt;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-integrazzjoni tal-prattiki amministrattivi u l-kooperazzjoni amministrattiva biex ikun jista' jkun hemm sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali;

6. Jinsab imħasseb dwar it-traspożizzjoni dgħajfa u l-implimentazzjoni tad-direttivi attwali dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, partikolarment tad-Direttiva 2004/38/KE fir-rigward tad-dritt għad-dħul u l-għajxien għal membri familjari minn pajjiżi terzi, u proċeduri amministrattivi żejda u dokumenti ta' residenza addizzjonali (permessi tax-xogħol, provi ta' akkomodazzjoni soddisfaċenti) inkonsistenti mad-Direttiva 2004/38/KE;

7. Jistieden lill-Kummissjoni teżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi tagħha skont it-Trattati, billi tissorvelja b'mod kontinwu u komprensiv l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE, inkluż, jekk ikun meħtieġ, l-eżerċizzju tad-dritt tagħha li tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra Stati Membri mhux konformi;

*Rabtiet ma' politiki oħrajn*

8. Jinnota li d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema ma jistax jitqies b'mod iżolat minn drittijiet oħra u prinċipji bażiċi tal-UE, u li r-rispett għall-mudell soċjali Ewropew u d-drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, se joffri l-possibilità ta' impjiegi deċenti, kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, drittijiet ta' sigurtà soċjali, trattament ugwali, rispett għall-ħajja tal-familja u libertà tal-provvista ta' servizzi;

9. Iqis li għandhom jitnaqqsu d-differenzi bejn il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u dik tal-UE sabiex jiġi evitat kull tip ta' ostakolu għall-implimentazzjoni u l-użu tad-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema;

10. Iqis li, biex jiġu implimentati b'mod effiċjenti l-politiki kollha relatati mal-moviment liberu tal-ħaddiema, l-azzjoni għandha tkun ikkoordinata, speċjalment fl-oqsma ta' tkomplija tas-suq intern, il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, id-drittijiet għall-pensjoni supplimentari, il-protezzjoni tal-ħaddiema, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-miżuri fiskali bħal dawn maħsuba biex tiġi evitata tassazzjoni doppja, u l-azzjoni kontra d-diskriminazzjoni;

11. Huwa tal-fehma li sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati jiffaċilitaw bil-kbir il-mobilità ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema u li l-inklużjoni soċjali tal-ħaddiema mobbli u r-riintegrazzjoni soċjali ta' ħaddiema li jirritornaw għandhom jiġu inklużi fil-politika dwar il-mobilità tax-xogħol;

12. Jenfasizza li implimentazzjoni effiċjenti tal-moviment liberu tal-ħaddiema teħtieġ azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali biex jiffaċilitaw u jissimplifikaw proċeduri amministrattivi dwar kwistjonijiet marbuta b'mod indirett ma' dan id-dritt, bħat-trasferiment ta' reġistrazzjoni tal-vetturi u ta' rekords mediċi, l-evitar ta' tassazzjoni doppja, regoli ċari dwar ir-rimborż ta' spejjeż mediċi, eċċ.;

13. Iqis li s-SME jistgħu jaġixxu biex jagħtu spinta lill-irkupru ekonomiku u lill-iżvilupp, peress li huma s-sors primarju tal-ħolqien tal-impjiegi; itenni għalhekk il-bżonn ta' impenn min-naħa tal-UE biex tappoġġa u tiżviluppa s-SME, partikolarment permezz tal-politiki tal-impjieg u l-programmi edukattivi;

*Miżuri għall-promozzjoni tal-moviment liberu*

14. Jistieden lill-Istati Membri jeqirdu l-ostakoli tranżitorji eżistenti fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u fl-2007; huwa tal-fehma li dawn l-ostakoli huma kontraproduċenti u jirrappreżentaw miżuri diskriminatorji kontra ċittadini Ewropej, filwaqt li jitlob li l-klawsola ta' preferenza tiġi infurzata b'mod effettiv fl-Unjoni kollha;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-effetti pożittivi dovuti għall-mobilità tal-impjieg kemm għall-pajjiżi oriġinarji kif ukoll għall-pajjiżi ospitanti u għall-UE, mill-aspetti soċjoekonomiċi u ta' koeżjoni ġeografika;

16. Jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni li tistabbilixxi evalwazzjoni sistematika regolari tal-provvista u t-talba fit-tul fis-swieq tax-xogħol tal-UE sal-2020, maqsuma skont is-settur, l-okkupazzjoni, il-livell ta' kwalifiki u l-pajjiż, u jissuġġerixxi bis-saħħa li jkun hemm koordinazzjoni tal-politiki tax-xogħol u edukattivi bejn l-Istati Membri bl-għan li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija UE2020 fir-rigward tal-ħolqien tal-impjiegi u l-evitar ta' ostakoli indiretti futuri li jistgħu jostakolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu;

17. Jistieden lill-awtoritajiet fil-livelli kollha jiżguraw appoġġ lill-politiki u sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-possibilitajiet u l-vantaġġi tal-mobilità, filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni;

*Servizzi ta' impjieg u informazzjoni tal-ħaddiema*

18. Jirrikonoxxi u jenfasizza l-importanza tas-servizzi ta' impjieg pubbliċi, u b'mod partikolari s-sistema u n-netwerk EURES, għall-promozzjoni tal-mobilità tal-impjiegi madwar l-UE permezz tal-provvista ta' informazzjoni dwar postijiet tax-xogħol battala, opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali, kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' għajxien;

19. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis fil-fondi għall-kunsilliera EURES u jitlob li jkun hemm impenn għal strateġija fit-tul li tippermetti li l-EURES u l-istaff tagħha jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effiċjenti;

20. Iqis li għandha titjieb ultejrorment l-informazzjoni lill-ħaddiema tal-UE dwar il-benefiċċji, id-drittijiet u l-obbligi dovuti għall-mobilità tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-azzjoni tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali u tagħmel użu aħjar mill-EURES u min-netwerk online ta' sejba ta' soluzzjoni għall-problemi, SOLVIT;

*Ġbir ta' ħiliet u għarfien biex wieħed isir iktar kompetittiv*

21. Iqis li, minħabba l-effetti negattivi rreġistrati dovuti għall-kriżi ekonomika, il-pressjoni fuq is-swieq tax-xogħol żdiedet u, b'riżultat ta' dan, il-mod kif jista' jerġa' jinkiseb il-vantaġġ kumparattiv huwa billi jsir investiment f'edukazzjoni formali u informali, taħriġ vokazzjonali, skambji ta' esperjenza tax-xogħol u azzjonijiet ikkoordinati biex jiġi aċċellerat il-proċess tal-mobilità tal-impjiegi;

22. Jifraħ lill-Kummissjoni dwar l-inizjattiva ewlenija tagħha Żgħażagħ Attivi u dwar it-tnedija tal-Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda u jilqa' b'mod partikolari l-proġett pilota 'L-ewwel impjieg EURES tiegħek' u l-azzjoni proposta għall-ħolqien ta' passaport tal-ħiliet Ewropew;

23. Iqis li l-ħiliet u l-għarfien se jrawmu l-mobilità tal-ħaddiema, u jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali għat-talbiet għal ħiliet u evalwazzjoni fit-tul u fuq medda medja ta' żmien fir-rigward ta' impjiegi futuri;

24. Huwa tal-fehma li l-ħaddiema żgħażagħ m'għandhomx ikunu l-unika mira u li huma meħtieġa strateġiji mmirati li jippromwovu u jiffaċilitaw il-moviment liberu tad-diversi kategoriji ta' ħaddiema, ibbażati fuq il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom (età, sess, ħiliet, appartenenza għal gruppi vulnerabbli) u bżonnijiet;

25. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu l-istrateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' taħriġ vokazzjonali tagħhom skont l-iżviluppi fis-swieq tax-xogħol u jipprovdu ħiliet trasferibbli li jkollhom kopertura usa' f'termini ta' żona ġeografika u ta' għarfien, bl-għan li jkun hemm kompatibilità adegwata mal-provvista tal-impjiegi;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw biex jiksbu iktar paragunabilità bejn il-kurrikuli tal-iskejjel u tal-Università u iktar standardizzazzjoni tal-edukazzjoni Ewropea;

27. Huwa tal-fehma li għandu jkun hemm sinerġija mtejba bejn il-programmi mmirati biex iħeġġu l-moviment liberu tal-istudenti, persuni li jkunu qed jagħmlu taħriġ vokazzjonali u apprendisti u programmi immirati b'mod speċifiku biex irawmu l-moviment liberu tal-ħaddiema;

28. Huwa tal-fehma li insuffiċjenza fl-għarfien tal-lingwi (b'mod partikolari fil-każ tal-adulti) għadha tikkostitwixxi ostaklu importanti għall-mobilità tax-xogħol; jistieden lill-Istati

Membri jippromwovu attivament it-tagħlim ta' lingwi barranin u lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha f'dan il-qasam;

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-kwistjoni tal-migrazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan l-UE ilha tinħass bħala problema potenzjali għal żbilanċi fil-livell nazzjonali f'termini ta' nuqqas ta' provvista tal-ħaddiema kif ukoll bħala li taffettwa n-negozjar kollettiv u l-pagi fil-pajjiżi ospitanti. Għalkemm in-nozzjoni ta' "moviment liberu tal-ħaddiema" ġie ppreżentat fit-Trattati bħala garanzija għat-tlestija tas-Suq Uniku, u għat-tisħiħ ta' Identità Ewropea reali, l-Istati Membri ngħataw id-dritt li jżommu ostakli proviżorji għal perjodi tranżitorji f'termini ta' ftuħ tas-suq tax-xogħol għall-Istati Membri l-ġodda.

Storikament, il-biża' dejjem kienet iffukata fuq żewġ aspetti ewlenin: bosti influssi ta' immigranti minn pajjiżi ifqar li jidħlu f'pajjiżi iktar sinjuri u t-telf ta' impjiegi għaċ-ċittadini tal-pajjiżi ospitanti, jew, f'xenarju iktar pożittiv, tnaqqis fil-livell tas-salarji.

Madankollu, studji reċenti wrew li dawn il-beżgħat qatt ma kienu realizzati u li, bil-kuntrarju, il-migrazzjoni tal-ħaddiema ġabet magħha effett benefiku għall-UE kollha kemm hi. Ir-raġuni wara dan ir-riżultat hija dovuta għall-konverġenza naturali tat-talba għall-ħaddiema u l-provvista tagħhom, u dan spjega għalfejn ċerti impjiegi ma ntalbux minn ċittadini u ttieħdu minn ħaddiema migranti. F'dan il-każ, il-valur miżjud lill-benessri nett tal-UE kien ċar, peress li ma kienx hemm postijiet battala jew tnaqqis fir-rati tal-produttività fl-Istati Membri, kif ukoll peress li żdied id-dħul għall-ħaddiema li għażlu Stat Membru ieħor biex jipprovdu s-servizzi tagħhom fih. Barra minn hekk, il-migrazzjoni illegali tal-ħaddiema naqset peress li ma kienx hemm inċentivi għall-ksur tal-liġi u kien hemm sinjali ċari ta' tendenzi ta' integrazzjoni fi ħdan is-soċjetajiet ospitanti.

Minkejja dan, għalkemm l-aspetti benefiċi tal-migrazzjoni tal-ħaddiema ntwerew biċ-ċar, għad hemm ftit kwistjonijiet li wieħed irid iqis meta jitqies il-moviment liberu tal-ħaddiema. Data b'rabta mal-2008 turi li 2.3% taċ-ċittadini tal-UE (11.3 miljun persuna) jgħixu fi Stat Membru li mhuwiex l-istat li tiegħu huma ċittadini, u bosta oħrajn jeżerċitaw dan id-dritt f'xi stadju ta' ħajjithom. Skont inkjesta reċenti tal-Ewrobarometru, 10% tal-persuni li pparteċipaw fl-UE-27 wieġbu li kienu għexu u ħadmu f'pajjiż ieħor f'xi stadju fil-passat, filwaqt li 17% kien biħsiebhom jibbenefikaw mill-moviment liberu fil-ġejjieni. Dan jindika li l-flussi migratorji tal-ħaddiema ma ammontawx għal ċifri għoljin ħafna, billi t-tibdil tal-impjiegi f'pajjiż ġdid jeħtieġ miżuri addizzjonali li l-ħaddiema jridu jindirizzaw. Biex nidħlu iktar fid-dettall, dan ifisser problemi relatati mad-differenzi fil-kultura, l-aġġustament għal lingwi ġodda, il-bogħod mill-familji, u mbagħad hemm ukoll ostakli oħra marbuta mal-ibbenefikar tal-eżerċizzju sħiħ tal-moviment liberu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea ppreażentat il-Komunikazzjoni 'Li ttenni l-moviment liberu tal-ħaddiema: drittijiet u żviluppi maġġuri', li tinkludi ħarsa ċara ferm lejn lil-qagħda attwali.

Meta jitqiesu s-sejbiet li ħarġu mill-komunikazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, ir-Rapporteur iffoka l-attenzjoni tiegħu fuq il-mezzi u l-istrateġiji li jistgħu jittejbu fil-qagħda u jaffermaw l-impenn Ewropew lejn it-tisħiħ tad-dritt tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

Il-pass li jmiss li għandu jittieħed rigward l-approċċ meħtieġ fil-livell Ewropew huwa li l-moviment liberu tal-ħaddiema jkun dritt taċ-ċittadini u li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jġib miegħu l-ebda effett negattiv fis-swieq tax-xogħol. B'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri, flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, għandhom rwol kruċjali fl-iffaċilitar tal-

eżekuzzjoni ta’ dan id-dritt, u l-leġiżlazzjoni eżistenti għandha tiġi implimentata b’mod korrett u bis-sħiħ. Barra minn hekk, hemm bżonn kbir ta’ kooperazzjoni fir-rigward tat-tnaqqis fid-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u dawk Ewropej, biex tiġi żgurata l-eliminazzjoni ta’ ostakli diretti u indiretti possibbli, b’mod partikolari dawk relatati mal-imġiba diskriminatorja bbażata fuq in-nazzjonalità, iċ-ċaħda tal-garanzija tad-drittijiet għall-membri familjari, skemi ta' sigurtà soċjali u ostakli oħra li jistgħu jipprevjenu jew jipprovdu diżinċentivi għall-ħaddiema milli jiċċaqalqu liberament fit-tiftixa tagħhom għal impjieg.

L-azzjonijiet proposti fir-rapport huma strutturali b’tali mod li jiffaċċjaw il-problemi ewlenin meta jitqies id-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Peress li t-tibdil fl-impjiegi u fil-pajjiżi ma jirriflettix fuq id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-politiki tax-xogħol, l-iktar azzjonijiet meħtieġa huma: konverġenza ma’ politiki u strateġiji oħra biex tiġi faċilitata t-tranżizzjoni tal-ħaddiema lejn il-pajjiż ospitanti. Dawn jinkludu miżuri meħuda fil-qasam tat-tlestija tas-suq intern, koordinazzjoni tas-sistemi ta’ sigurtà soċjali, drittijiet għall-pensjoni supplimentari, protezzjoni tal-ħaddiema, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, rekwiżiti tal-lingwi, miżuri fiskali bħal dawk maħsuba biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja u politiki kontra d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-membri familjari huma importanti daqs dawk direttament marbuta mal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg, peress li ċ-ċaħda ta’ dawk id-drittijiet tista’ twassal għal diżinċentivi ġodda milli wieħed ifittex impjieg fi Stat Membru differenti.

It-tieni fatt huwa li hemm bżonn ċar li jitqabblu l-effetti tal-migrazzjoni tal-ħaddiema mal-istrateġiji eżistenti fil-livell Ewropew, speċjalment fl-UE2020, kif ukoll mat-tisħiħ tar-rwol tas-SME. Huwa ta’ importanza kruċjali li s-SME jiddaħħlu f’din il-kwistjoni. L-iżvilupp tagħhom se jipprovdi iktar impjiegi u l-imġiba dinamika tagħhom tista’ tipprovdi għal migrazzjoni ċiklika tal-ħaddiema li, fl-aħħar mill-aħħar, se tinġieb billi jittejbu l-ħiliet permezz tat-tagħlim dovut għal azzjoni jew għal għajnuna, kif ukoll billi jiżamm abjent kompetittiv li jwassal għal prodotti finali mtejba.

Is-sitwazzjoni attwali u l-lezzjonijiet tal-kriżi finanzjarja ġabu magħhom spettru ġdid ta’ possibilitajiet biex tingħata spinta lill-prestazzjoni ekonomika u biex jiżdiedu r-rati ta' impjieg. Għal dan l-għan, il-benefiċċju mill-mobilità tal-ħaddiema huwa ta’ importanza kbira peress li se jipproduċi iktar konverġenza soċjoekonomika kif ukoll qsim kontinwu ta' esperjenzi li jkun ta' benefiċċju kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-impjegati. Għandu jissemma wkoll li l-miri tal-ħolqien tal-impjiegi tintlaħaq aħjar jekk il-mobilità tal-ħaddiema tiġi implimentata bis-sħiħ.

It-tieletnett, ir-Rapporteur qed jiffoka fuq l-importanza tal-informazzjoni u tal-għarfien. Tendenza komuni osservata fil-maġġoranza tal-Istati Membri hija marbuta mal-livell mhux soddisfaċenti ta’ informazzjoni eżistenti b’rabta mad-drittijiet u l-obbligi li għandhom ikunu jafu bihom iċ-ċittadini. Il-mobilità tal-ħaddiema għandha tiġi promossa aħjar u l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli ħafna għall-persuni kollha kkonċernati. F’dan ir-rigward, ir-rwol tal-Istituzzjonijiet Ewropej u l-gvernijiet nazzjonali huwa deċiżiv peress li jridu jikkollaboraw u jevitaw sitwazzjonijiet ta’ diverġenzi fl-informazzjoni. Hekk kif l-għamla tal-impjiegi qed turi tendenzi li qed jinbidlu, il-bżonn ta’ titjib tal-ħiliet u l-enfasi fuq ir-rwol tal-edukazzjoni ma tistax tiġi injorata. B’konsegwenza ta’ dan, ir-Rapporteur jieħu pożizzjoni ċara favur it-twettiq ta’ iktar sforzi f’kull tip ta’ programm edukattiv, bl-għan li tinkiseb forza tax-xogħol li tkun kapaċi tissodisfa l-bżonnijiet u l-isfidi tal-ġejjieni. F’dan ir-

rigward, il-koordinazzjoni bejn il-politiki edukattivi u l-aċċellerazzjoni fir-rikonoxximent tad-diplomi qed jiġu enfasizzati biex jiżdiedu l-prospetti ta' fehim unitarju ta' kif għandna nħejju lill-popolazzjoni attiva għat-tibdil u l-pressjoni kompetittiva tas-suq.

Il-messaġġ ewlieni tar-rapport jgħid illi, peress li ma kienx hemm effetti negattivi rreġistrati mis-suq tax-xogħol – speċjalment wara l-mewġiet migratorji tal-2004 u tal-2007 – m'hemm l-ebda raġuni soċjoekonomika biex jinżammu l-ostakli għad-dħul f'suq tax-xogħol ġdid, speċjalment fil-każ ta' ċittadini Rumeni u Bulgari. Il-politiki nazzjonali għandhom jinġiebu eqreb l-Istrateġiji Ewropej biex jagħtu l-prestazzjoni mistennija f'termini ta' benessri u ta' progress. Barra minn hekk, f'era ta' swieq globalizzati u ta' tibdil demografiku, il-moviment liberu tal-ħaddiema jista' jindirizza l-problema ta' qabla bi profitt bejn it-talba għall-ħaddiema u l-provvista tagħhom. Biex jinkiseb dan, wieħed għandu jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u japplika r-regoli kif ukoll jippromwovi azzjonijiet ikkoordinati f'termini ta' rikonoxximent tad-diplomi, żvilupp ta' sistemi edukattivi futuri biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tas-suq u jinżamm livell għoli ta' vantaġġ kompetittiv b'rabta mal-ħiliet, kif ukoll drittijiet oħra li l-ħaddiema għandhom jeżerċitaw sabiex ikunu jistgħu jgħixu u jwettqu dmirijiethom f'pajjiż ġdid. Kwalunkwe proċedura amministrattiva mhux neċessarja li tista' toħloq dewmien jew tipprevjeni l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema għandha titqies bħala inġustifikata u dan għandu jiġi rimedjat minnufih, peress li jirrappreżenta ostaklu bl-ebda ġustifikazzjoni ekonomika jew soċjali.

Sabiex ikun hemm fehim profond tal-qagħda attwali kif ukoll tal-iżvilupp futuri fis-swieq tax-xogħol, ir-Rapporteur jinsab konvint li l-isforzi tajbin li wettqet il-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-infurzar u tal-appoġġ tal-mobilità tax-xogħol għandhom jissaħħu u għandha ssir analiżi iktar fil-fond dwar il-proċedimenti ta' ksur mmirati lejn Stati Membri mhux konformi, tendenzi tal-mobilità tax-xogħol f'termini ta' ħiliet, setturi u żoni ġeografiċi, u għandha tiġi ppreżentata strateġija dwar il-mobilità fit-tul, komprensiva u multidixxiplinari bl-għan li jiġu analizzati u eliminati l-ostakli legali, amministrattivi u prattiċi kollha eżistenti għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Ir-raġuni ekonomika għall-ftuħ tas-swieq tax-xogħol hija ċara iktar minn qatt qabel fiż-żminijiet attwali. Ammont żejjed ta' protezzjoniżmu f'termini ta' mobilità tal-ħaddiema se jwassal għal żieda fil-firda bejn l-Istati Membri u nuqqas ta' fiduċja li tista' taffettwa l-prestazzjoni tal-UE bħala protagonista fix-xena dinjija, u dan jista' jnaqqas il-kompetittività tagħha. Dan huwa l-waqt meta l-Istati Membri Ewropej għandhom jaħdmu id f'id sabiex jikbru flimkien.